# il-Ħuttafa

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA



ajkla bajda

Klabb Ħuttaf

numru 88

settembru - ottubru 2008

editorjal



## Ħej Ħuttaf!

Naħseb kollha smajtu bil-*global warming* u bil-klima tad-dinja li qed tinbidel minħabba t-tniġġis tal-bniedem. U naħseb kollha tafu kemm hi serja dil-problema. Però hawn nies li għadhom ma fehmux...

Ftit ilu fuq l-internet qrajt fi blog ta' wieħed li jaħseb li hu ġenju. Fost il-ħmerijiet li kiteb, qal kemm jinsab kuntent li t-temp tad-dinja qed jisħon għax b'hekk issa hu jkun jista' jgawdi iktar il-baħar u x-xtut! U biex iktar juri kemm hu bravu żied jgħid, "Kollu tort tan-natura. Imissha tleħħaq mal-iżvilupp tal-bniedem, u mhux toqgħod qisha l-fjakka tħalli l-ispeċi jmutu." Iss mur obsor ħej!

U t-traġedja tafu x'inhi? Li dan l-għaref ma kienx qed jiċċajta!

Ħbieb, meta l-fjuri u l-annimali fin-natura jibdew jonqsu u jispiċċaw, dan huwa sinjal li hemm xi ħaġa ħażina. U xogħolna l-bnedmin hu li nippruvaw naraw x'qed jiġri u nirranġawh, mhux ngħidu kemm hi fjakka n-natura. B'xorti tajba ħafna xjenzati jafuh dan u jagħmlu minn kollox biex jifhmu l-problema.

Jekk ngħollu spallejna u nwaħħlu fin-natura nkunu qisna xi ħadd li jpejjep u t-tabib jgħidlu "Ħabib, qed timrad. Jekk tkompli tpejjep se tmut." U dan flok jaqta' t-tipjip, jgħid: " Kollu tort ta' ġismi, imissu jidra d-duħħan u mhux joqgħod jimrad!"

U issa nawguralkom sena ġdida oħra eċitanti ta' skola, ħbieb, logħob, ferħ u tagħlim! Ċaw ċaw ħbieb...

Victor

**Victor Falzon**
l-editur




COUNT

2

Daqshekk baqa' xhur biex jispiċċa għal dejjem l-insib ta' l-għasafar minn Malta.
(suppost!)

DOWN

X'hemm mal-faċċata?



L-AJKLA BAJDA (short-toed eagle *Circaetus gallicus*) hija waħda mill-ftit speċi ta' ajkli li jgħaddu minn Malta waqt il-passa. Dar-ritratti ħadu l-ħabib tagħna Michael Sammut ftit ġimgħat ilu waqt li kien berdwoċing ħdejn il-Buskett, u għaddiet waħda minn fuq rasu! Xi ġmiel ta' tajra, u x'ħasra li għad hawn nies li ma jafux igawdu l-għasafar ħajjin u ħielsa.




## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Il-Ħolm ta' Ġeremija | 5 |
| Il-Fraxxnu | 6 |
| Friefet | 7 |
| Attività | 8 |
| Ambjentalist fl-iskola | 8 |
| It-Tajga (2) | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Qatt innutajt? | 11 |
| Dinja Waħda | 11 |



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angèle Pulis



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dal-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.


© Publikazzjoni BirdLife Malta, Ottubru 2008



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




**F'Awwissu li għadda niżlu 53 Fras-servjenti jistrieħu fir-riserva naturali ta' l-Għadira. Raqdu raqda, teftfu xi ħaġa imbagħad taru biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom.** Ritratt ta' Denis Cachia



F'dar-ritratt jidhru 10 Ċikonji Suwed...



...u f'dan jidhru tlieta mill-viċin.

Denis Cachia

## Ċorma Ċikonji

Fit-23 Settembru 2008, berdwoċers tal-BirdLife li kienu l-Buskett raw spettaklu fuq rashom: qatgħa ta' 11-il **Ċikonja Sewda**! Dan l-għasfur jimpressjonak għax kbir, iswed u abjad, għandu ġwienaħ enormi, u għonqu u saqajh twal. F'Malta huwa rari mhux ħażin. u anke li tara wieħed hija ħaġa speċjali, aħseb u ara 11 f'salt! Imma b'niket ikollna nħabbru li l-għada filgħodu ħafna minn dawn iċ-ċikonji (jekk mhux kollha) sparawlhom u qatluhom kaċċaturi kriminali.

## Gżira żgħira f'nofs ta' baħar!




Chris Cachia Zammit

F'Awwissu li għadda żewġ membri berdwoċers Edward Bonavia u Chris Cachia Zammit kienu fuq dgħajsa ftit 'il barra minn Malta. Kienu qed jistudjaw l-għasafar għal proġett tal-BirdLife, u ħin minnhom kienu qed josservaw grupp Kanġi ta' Filfla u Ċirlew Iswed f'wiċċ l-ilma. Dak il-ħin tfaċċat "gżira" żgħira f'wiċċ il-baħar, u waħda miċ-ċirlew niżlet tistrieħ fuqha. Chris kien pront ħadilha ritratt. Tgħiduli: Iss! Allura!?

ĦARSU SEW lejn ir-ritratt! Dik il-gżira ma kienet gżira xejn, imma dahar ta' fekruna tal-baħar! Mid-dehra dawn l-affarijiet mhux fil-kartuns biss jiġru :-)

## Ta' Ċenċ...
### Tgħid fl-aħħar salvajnieh?




Joe Sultana

Is-sisien u x-xagħri f'Ta' Ċenċ fl-aħħar saru SAC (Special Area of Conservation) u SPA (Special Protection Area), jiġifieri issa jkun diffiċli ħafna biex isir żvilupp f'dawk l-inħawi. Il-BirdLife ilha 20 sena tiġġieled għall-ħarsien ta' dal-post maġiku. Tgħid fl-aħħar irnexxielna?







# Kwart mill-mammiferi tad-dinja fil-periklu



linċa bil-ferħ

Fid-dinja jeżistu 5487 speċi differenti ta' mammiferi li nafu bihom. Hemm minnhom komuni, bħall-ġrieden u l-fniek. Imma hemm oħrajn li tant saru rari li jistgħu jispiċċaw mid-dinja. Minn dawn bħalissa hemm 1141 speċi, jiġifieri 22% (kważi kwart) tal-mammiferi kollha. Għaliex qed jispiċċaw?

L-akbar problema hija li l-bniedem qed jeqirdilhom l-ambjent. Kull ħaġa ħajja trid l-ambjent tagħha biex tgħix. Jekk l-ambjent jispiċċalha, tispiċċa hi wkoll.

Fost il-mammiferi li saru rarissmi hemm l-LINĊA SPANJOLA (Iberian Lynx), tip ta' qattus kbir li fid-dinja baqa' biss xi 100.

Rari ħafna wkoll hija l-MONKA (Monk Seal), foka li tgħix fil-Mediterran. Din għandha elf problema: jaqbduha s-sajjieda, qed jispiċċalha l-ħut, qed jitniġġes il-baħar, u x-xtut fejn ikollha ż-żgħar qed jimtlew turiżmu. Baqa' inqas minn 500.

Mammiferu li qed teqirdu marda misterjuża huwa x-XITAN TAŻMAN (Tasmanian Devil), li nafuh bħala Taż, il-kartun simpatiku! Tgħid se jsir estint?

Rarissma wkoll hija l-GORILLA TAL-MUNTANJI (Mountain Gorilla). Fadal biss xi 700. Ir-raġuni: qtugħ tal-foresti u l-misħuta kaċċa.



frieħ tax-xitan tażman

**Għandna nagħmlu sforz kbir biex ma nitilfux iktar mammiferi mid-dinja. Mhux biss għax ħafna minnu tort tagħna, imma anke għax aħna wkoll mammiferi!**



Victor Fabri




## Ġdid fjamant

Fl-Gabon sabu għasfur ġdid. Tim ta' xjenzati kienu qed jagħmlu studju tal-ħajja f'waħda mill-foresta tal-Gabon, pajjiż fl-Afrika Ċentrali, u sabu għasfur żgħir daqs Bufula Sewda. Għall-ewwel ħasbuh ferħ ta' xi razza li kienu diġà jafu biha, imma ċċekkjawlu d-DNA u indunaw li kien speċi ġdida. Semmewh **Olive-backed Forest Robin** *Stiphrornhis pyrrholaemus*, imma dwar il-ħajja tiegħu għadhom ma jafu xejn.

Insomma, in-natura dejjem b'xi sorpriża, hux!




## Kien mitluf...



Fl-1914 f'Sumatra, gżira kbira fl-Indoneżja, kien instab speċi ta' ċerv żgħir li sejħulu **Sumatran Muntjak** *Muntiacus montanus*. Imma wara l-1930 l-annimal ma deherx iktar, u kien ħasbu li nqered.

Imma dan l-aħħar, xjenzati tal-Flora u Fauna International reġgħu sabuha fil-Kerinci-Seblat National Park. Kienet ħajja u maqbuda f'nassa ta' kaċċatur! Ħadulha xi ritratti imbagħad ħelsuha.

Il-Kerinci-Seblat National Park huwa kbir 13,000km², jiġifieri xi 40 darba d-daqs ta' Malta!

## X'nista' nara llum?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

### l-arpa

Osprey
*Pandion haliaetus*

L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*, li qiegħed għall-bejgħ €5.



Fabri

Matul Settembru u anke Ottubru jpassi ħafna tajr tal-priża, u l-Arpa hija waħda minnhom. L-Arpa mhix tajra komuni bħall-kuċċard u l-bgħadan. Normalment tibqa' għaddejja bla ma tieqaf tistrieħ għal-lejl, għall-kuntrarju ta' xi tajr tal-priża ieħor. Hija tikkaċċja l-ħut mill-għadajjar u l-baħar billi togħdos għalih. Meta taqbad ħuta żżommha sew b'saqajha u ttir biha lejn l-art biex toqgħod tikolha bil-kwiet.

L-Arpa għandha l-ġwienaħ dojoq u tawwalin. Minn fuq tkun kannella skur u minn taħt bajda.

Bħall-bqija tat-tajr tal-priża, mhix faċli li tagħraf Arpa. Ħafna drabi t-tajr itir fl-għoli u drabi oħra ma tantx jagħtik ċans taraħ. Imma taqtax qalbek, hawn diversi kotba u websajts li jistgħu jgħinuk. U wara kollox, jekk fil-bidu tal-berdwoċinig tieħu żball jew ma tagħrafx kollox, mhix ser taqa' d-dinja, għax kulħadd jgħaddi minn dil-fażi. Anke berwoċers mustaċċuni!



Din l-arpa kienet niżlet tistrieħ fir-riserva tal-Għadira. F'Malta mhux soltu jieqfu l-arpi, għalhekk din kienet ħaġa rari.

Denis Cachia

## Il-ħolm ta' Ġeremija l-Ġurat



Qed noħlom li xi darba tneħħu ħafna mill-arbli tad-dawl li mlejtu t-toroq fil-kampanja bihom, u flokhom tużaw dik l-invenzjoni sabiħa: il-*cats-eyes*. *Cats-eyes* huma biċċiet żgħar ta' materjal ileqq li jitwaħħlu f'nofs u f'ġenb it-triq. Dawn jirriflettu d-dawl tal-karozzi u s-sewwieq jara xorta fejn hi t-triq anke jekk ma jkunx hemm lampa waħda.

Immaġinaw kemm enerġija u tniġġis tiffrankaw, kemm arbli, wajers, trinek, kejbils u lampi tiffrankaw. U kemm miljuni ta' ewro!

Għaliex għadkom daqshekk iffissati bl-arbli? Ma tgħidx li jsebbħu l-ambjent, għax mingħajrhom il-veduta tal-kampanja tkun ħafna isbaħ.

Insomma, ha nkompli noħlom...



Il-*cats-eyes* jixegħlu t-triq bla ħela ta' dawl.

## rekord assolut



**Fit-18 ta' Settembru 2008 fir-riserva tal-Għadira niżel Fjamingu... u sa xahar wara għadu hemm!! jippassiġġa fl-ilma, jiekol, jorqod u kultant itir biex juri l-ġmiel ta' ġwienaħ roża u suwed. Darba mar dawra sa Selmun, laqqat tir ta' senter, u ġie lura bid-demm ma' wiċċu u ma' sidru! Issa donnu għaddielu, imma min jaf? Sa ma ħadna *Il-Ħuttafa* l-istamperija, dan l-għasfur tal-ġenn għadu hemm isaħħar lit-tfal tal-iskola li jiġu jżuruh. Qatt s'issa Fjamingu ma dam Malta daqshekk.**



# il-Fraxxnu

**NARROW-LEAVED ASH**
*Fraxinus angustifolia*

Il-Fraxxnu qiegħed fl-istess familja taż-Żebbuġa u tal-Fillierja, jiġifieri fil-familja Oleaceae.

Il-Fraxxnu jikber f'imsaġar ħorfin[1] f'widien umdi, l-aktar ma' xtut ix-xmajjar tal-Ewropa Ċentrali u t'Isfel. Għalkemm iħobb l-umdu, il-Fraxxnu m'għandux bżonn nixxiegħa permanenti u x-xemx iħobbha.

F'Malta l-Fraxxnu huwa rari immens. Sa xi snin ilu kont issibu biss fil-Buskett u f'Wied il-Lunzjata f'Għawdex. Il-Fraxxnu tal-Buskett huma kbar ħafna u għandhom mijiet tas-snin, tant li huma mħarsin mil-liġi tal-antikitajiet. B'xorti tajba dan l-aħħar snin kien hemm min kabbar Fraxxnu f'inħawi oħrajn, u llum issibu jikber ukoll f'postijiet bħal Wied Għollieqa u L-Għammieri.

Anke f'Foresta 2000 ħawwilna xi siġar tal-Fraxxnu.

Il-Fraxxnu għandu mod interessanti kif isâġar[2]. Iż-żerriegħa jagħmilha f'qatgħet li jkunu lesti għat-tifrix fil-bidu tal-ħarifa. Dawn ikollhom forma ta' skrun ta' ħelikopter li bih "itiru" u b'hekk jinfirxu aħjar. Biex iż-żerriegħa tikber sew u tinbet għandha bżonn xitwa kiesħa, fejn it-temperatura trid taqa' taħt jew qrib ħafna ż-żero għal xi żmien. Fil-fatt biex tkabbar minnha, iż-żerriegħa qabel tiżragħha trid tqegħidha fil-friġġ għal xi żmien biex tagħtiha l-kesħa tax-'xitwa'. Meta tinżera' tinbet fi ftit ġimgħat. Wara li tinbet trid post xemxi u tisqija regolari, inkella tinxef u tmut.



Dis-siġra kbira tal-Fraxxnu qiegħda bla weraq. Dak il-weraq madwar iz-zokk huwa ta' Liedna li xxebilket magħha!

Il-Fraxxnu jikber malajr speċjalment jekk fis-sajf jibqa' jsib x'jixrob. Il-werqa tiegħu tikber sa xi 15ċm u tkun magħmula minn numru ta' wrejqiet. Fil-ħarifa l-Fraxxnu jwaqqa' l-weraq.



Il-Fraxxnu jrabbi zokk oħxon li maż-żmien jitfellel ħafna

Minħabba li ż-żerriegħa tal-Fraxxnu trid il-kesħa, jekk ix-xtiewi tagħna ma jkunux kesħin biżżejjed, iż-żerriegħa ma tinbitx fis-selvaġġ, u b'hekk ma jikbrux siġar żgħażagħ biex jieħdu post is-siġar ix-xjuħ. Għalhekk jekk il-klima dinjija tkompli tisħon hemm ċans kbir li dis-siġra sabiħa tispiċċa għal kollox mill-Gżejjer Maltin.

il-masġar **Charles F. Grech**



Il-weraq tal-Fraxxnu jkun magħmul minn numru ta' wrejqiet



Qatgħa żerriegħa niexfa u lesta biex ittir mar-riħ

[1]**masġar ħorfi** - bosk b'siġar li fix-xitwa jwaqqgħu l-weraq.
[2]**isâġar** - jiżdied u jinfirex.

Dawn ir-ritratt ħadhom kollha seħibna Alex Casha, espert tal-pjanti.





farfett tal-bużbież



kannella tax-xemx



farfett tal-kromb

# Friefet

Victor Falzon

Fir-rebbiegħa naraw ħafna friefet, imma fil-ħarifa wkoll naraw skoss.

F'Malta għandna ħafna xhur ta' temp bnazzi u bla kesħa, u ħafna friefet dat-temp isibuh perfett biex ibidu iktar minn darba fis-sena, l-iktar fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Għalhekk fis-sena jiġu żewġ staġuni li fihom ingawdu dawn il-faqgħa ta' insetti.

F'Marzu, April u Mejju l-iktar li jkollna fjuri fil-kampanja u għalhekk il-friefet l-aktar li jixxalaw f'dak iż-żmien. Kif tafu, l-ikel tal-friefet kollu jiġi mill-fjuri, u x-xagħat (id-dudu) tal-friefet jiekol il-weraq tal-pjanti.

Fl-eqqel tas-sajf Malti jonqsu l-friefet. Għaliex? Ħeqq, għax fin-nixfa tas-sajf ma tantx jibqa' ħdura u fjuri fil-kampanja.

Imbagħad fil-ħarifa terġa' tibda x-xita, il-pjanti jibdew jikbru, xi fjuri jiftħu u għalhekk jerġa' jkun żmien tajjeb għall-friefet. Fil-fatt minn Settembru sa Novembru naraw numru sabiħ ta' friefet jitbellhu fuq ix-xorbett u fjuri oħrajn tal-ħarifa.

Araw liema minn dawn taraw dil-ħarifa...



kannella tad-dell



farfett tal-anġlu



farfett tax-xewk



farfett tas-silla



farfett tal-ħurrieq

# Aħna sejrin sa L-iMġiebaħ Ġejjin?



Victor Falzon

L-iMġiebaħ qiegħed fin-naħa ta' fuq ta' Malta, fl-inħawi ta' Selmun. Huwa post li għadu miftuħ u bla bini. Fih wied sabiħ u aħdar, ħafna minnu għelieqi żgħar imtarrġin, maħdumin u mdawrin b'ħitan tas-sejjiegħ jew qannić. Imma hemm ukoll xagħri, rdumijiet u sisien, irqajja' ta' makkja, wied bil-qasab, żrieżaq tat-tafal u anke roqgħa sabiħa ta' ballut. Il-wied jibqa' nieżel sa bajja ħelwa u kwieta b'ramla li għadha ma mtlietx gabbani, lukandi u storbju. Jalla l-iMġiebaħ jibqa' hekk, fejn isaltan il-ħoss tar-riħ fil-qasab u leħen il-merill.

Qannić x'jaħbat?

Qannić ikun bħal ċint magħmul mill-qasab biex jilqa' kontra r-riħ.

data **il-Ħadd 9 Novembru 2008**
niltaqgħu ħdejn **Torri Selmun**
ħin **8.45 am**
inlestu xi **nofsinhar**
merħba **membri*** u **l-familja**
ġibu **tromba u gajd** (jekk għandkom)
xi ħaġa tal-**ikel, nowtbuk** u **lapes**

*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.




buċaqq tax-xitwa

Denis Cachia




merlin library

the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135


## Kif iġib ruħu Ambjentalist fl-iskola

**Ħu *Il-Ħuttafa* miegħek l-iskola u ħajjar lil sħabek jidħlu membri fi Klabb Ħuttaf.** Iktar ma jkollna membri fil-BirdLife, iktar ikun hawn ambjentalisti u naturalisti.

**Taħlix karti. Użahom miż-żewġ naħat, u meta tarmihom ifridhom minn skart ieħor, ħalli jsiru karta riċiklata.** Inqas ma naħlu karti, iktar insalvaw siġar.Karta riċiklata tuża inqas ilma, tniġġis u enerġija biex issir milli karta ġdida.

**Jekk tmur skola primarja, ħajjar l-għalliem/a biex tieħdu sehem f'Dinja Waħda.** F'Dinja Waħda titgħallmu dwar in-natura, tgħinu l-ambjent, tieħdu gost, u ttellgħu punti għall-iskola.

**Uża pitazzi tal-BirdLife!** B'hekk tagħmel riklam għall-BirdLife, u għandek għasfur x'tagħti l-kulur!

**Itlob biex inti tkun in charge li titfi d-dwal, kompjuters, moniters, printers, ħiters, fannijiet eċċ tal-klassi meta tlestu minnhom.** Inqas ma naħlu enerġija, inqas inniġġsu l-arja.

**Iksi l-kotba bil-karti jew b'xi biċċiet minn poster ikkulurit, flok plastik.** Biex jagħmlu l-plastik jużaw ħafna iktar enerġija u kimiċi milli biex jagħmlu l-karti.







Il-Great Grey Owl hija żgur waħda mill-iktar kokk impressjonanti tad-dinja

Elisabeth Conrad

# it-tajga 2

## Kulħadd liebes!

Ħafna mis-siġar tat-tajga huma dejjem-ħadrana (*evergreen*), jiġifieri ma jwaqqgħux weraq fix-xitwa. Fost dawn hemm diversi **żnuber** (pines) u **abeti** (fir). Meta twaqqa' l-weraq, siġra tkun trid ħafna enerġija biex ittella' weraq ġdid. Din l-enerġija tiġi l-iktar mix-xemx u l-ħamrija, imma fit-tajga x-xemx ftit issaħħan u l-ħamrija ma tantx fiha nutrijenti. Għalhekk siġar dejjem-ħadrana jkampaw aħjar. Minkejja dan, fit-tajga xorta ssib xi siġar li huma ħorfin, per eżempju l-**Lerċi** (European Larch).

Minkejja l-ambjent kiefer tat-tajga hemm ukoll ħafna annimali tipiċi ta' dan l-ambjent, per eżempju l-**elk**, il-**Lupu,** diversi speċi ta' **orsijiet**, **links**, **ballottri**, gerriema bħal **skwirils** u **kasturi** (beaver), u għasafar bħal **ajkli**, **kuċċard**, **kokk**, **wiżż** u **mlievez**.

## Kulħadd b'xi trikk!

Biex jadattaw għal dan l-ambjent, l-annimali jużaw strateġiji differenti. Hemm minnhom li jieklu ħafna fis-sajf biex irabbu x-xaħam, u fix-xitwa jorqdu raqda twila jgħidulha *hibernation*. Din mhix raqda bħal tagħna, għax waqt *hibernation* ġisem l-annimal jaħdem bil-mod ħafna biex l-enerġija sservih xitwa sħiħa. Għalhekk, meta l-annimal iqum fir-rebbiegħa, ikun irqiq ħafna imma xorta b'saħħtu. L-**ors griżli** huwa annimal li jagħmel *hibernation*.

Annimali oħrajn flok jagħmlu *hibernation* jibdlu d-dieta mis-sajf għax-xitwa, biex jieklu kwalunkwe ikel li jipprovdi l-ambjent xitwi. L-**elk** (jew **moose** bl-Amerikan) fis-sajf jiekol weraq, imma fix-xitwa jdur għall-ħaxix.

Xi annimali jadattaw billi jbiddlu l-ħwejjeġ! Il-kisja tal-pil fix-xitwa tiħxien ħalli jilqgħu kontra l-bard. Il-kowt tax-xitwa spiss ikun ukoll abjad, biex iservi ta' kamuflax fuq il-borra. L-**erminja** - tip ta' ballottra - tagħmel hekk.

U ħafna u ħafna triks oħrajn. Per eżempju annimali kbar bħall-**karibu** (tip ta' ċerva kbira) li ma jistgħux jiġru fuq il-borra peress li saqajhom irqaq, jimxu wara xulxin fil-mogħdija li jkun witta l-annimal ta' quddiem nett - b'hekk sħabu ta' warajh jgħaddu b'inqas sforz. Mill-banda l-oħra s-**snowshoe hare**, tip ta' fenek kbir, m'għandux dil-problema għax saqajh wesgħin u sufin u b'hekk la jinżel fil-borra u lanqas jiksaħ! Xi annimali żgħar iħaffru passaġġi taħt il-borra, fejn it-temperatura tkun sħuna biżżejjed biex dawn l-annimali ma jiffriżawx.

Imbagħad hemm l-għasafar, li fil-ħarifa jaħarbu mit-tajga billi jpassu lejn bnadi iktar sħan. Żewġ għasafar li jagħmlu dan u li fil-passa waslu anke sa Malta huma l-**malvizz tas-Siberja** (Siberian Thrush) u l-**malvizz nordiku** (Eyebrowed Thrush).

## Kulħadd għall-pranzu!

Imma kif tiġi r-rebbiegħa, t-tajga tinbidel kompletament. Mhux biss iqumu l-annimali mir-raqda tax-xitwa, imma kif tisħon it-temperatura jfaqqsu miljuni ta' insetti, speċjalment nemus. Ma' dawn l-insetti, malajr jerġgħu jitfaċċaw l-għasafar, biex jgħaddu s-sajf f'dawn il-foresti.

It-tajga hija ambjent tassew interessanti, imma wkoll mhedded. Għandha lista twila ta' problemi: il qtugħ ta' foresti għall-kummerċ (injam u karti), it-tħaffir għaż-żejt u riżorsi oħrajn, in-nirien li jqabbad il-bniedem, il-kaċċa, l-insib, it-tniġġis tax-xmajjar u l-għadajjar eċċ. U din ħasra kbira għax it-tajga għandha valur kbir għan-natura u għall-umanità.



L-ABETI jżommu l-weraq is-sena kollha.




L-ELK ibiddel id-dieta minn staġun għall-ieħor.

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Għin lix-xagħat fi triqtu biex isir farfett!





Victor Falzon

Bħalissa żmien ix-xgħat (dud) tal-**baħrija tat-tengħud**. Mela jekk tkunu fil-kampanja u ssibu pjanta tat-tengħud, fittxu sew forsi taraw dal-ġmiel ta' annimal.

# gallerija



denfil
lara mariah seychell 10



russett griż
kevin farrugia 10



kuċċarda
chris saliba 9



mazzarell aħmar abigail magro 9



ċief
thomas camenzuli 6



grawwa
alana attard 11



avultun abjad
matthew scicluna 14



fjurdulis selvaġġ
ludwig camilleri 11



# Qatt innutajt?



Likena fuq zokk ta' siġra

Desirée Falzon



Likena fuq blata

Desirée Falzon



Likena fuq il-ħamrija

Desirée Falzon

Qatt innutajt bħal tbajja' u dwawar tondi fuq il-blat? Ħafna drabi jkunu oranġjo jew sofor, imma hemm ukoll suwed, griżi, ħodor ċari, bojod u anke roża. Tarahom ukoll fuq ċnut qodma, anke fuq bjut ta' djar antiki. Kont taf li dawk it-tbajja' huma affarijiet ħajjin?

Mela xhiex! Dawk huma likeni. Mhux talli ħajjin, imma hemm minnhom jgħixu mijiet ta' snin. Il-likeni ilhom jeżistu mijiet ta' miljuni ta' snin, ħafna qabel id-dinożawri.

Allura x'inhuma eżattament? Meta studjawhom taħt il-mikroskopju, ix-xjenzati indunaw li l-likeni huma fil-fatt żewġ ħlejjaq jgħixu flimkien: alga u fungu. L-alga hija pjanta u għalhekk kapaċi tagħmel l-ikel mid-dawl tax-xemx, dak li ngħidulu fotosintesi. Il-fungu ma jagħmilx fotosintesi imma kapaċi jikber fuq l-art, ħaġa li l-alga ma tafx tagħmilha. B'din il-ħbiberija bejn alga u fungu, il-likena tgawdi doppju għax bis-saħħa tal-fungu tikber f'ħafna ambjenti (fuq ir-ramel, fuq il-blat, fuq il-ħamrija, fuq is-siġar, anke fuq is-silġ) u bis-saħħa ta' l-alga tagħmel l-ikel mid-dawl tax-xemx.




Kif jgħixu l-likeni? Meta tkun se tikber, likena toħroġ kimika li tħoll ftit mill-blat li tkun fuqu biex b'hekk teħel mal-ġebla. Imbagħad tibda tikber bil-mod ħafna - millimetri fis-sena. Minħabba li tgħix fin-nixfa ta' fuq il-blat, likena jkollha qoxra li ma tħallix l-ilma ta' ġo fiha jaħrab. Fl-istess ħin dil-qoxra tixrob minerali mix-xita jew mill-umdità tal-arja u b'hekk tpatti għal-fatt li m'għandhiex għeruq minn fejn tieħu s-sustanzi.

Għalhekk meta tgħaddi fuq ix-xagħri qalb il-blat, fittex dawk it-tbajja' - u kun af li qed tħares lejn waħda mill-iktar ħlejjaq li għamlu suċċess fl-istorja tal-evoluzzjoni!

Desirée Falzon

dinja waħda

Bdiet l-iskola, u jekk inti fi skola primarja stenna li ħa terġa' tisma' b'Dinja Waħda! Qis li ġġennen lill-għalliem/a tiegħek biex l-iskola tiegħek tieħu sehem dis-sena bħalma ħadu sehem 76 skola s-sena l-oħra.

BirdLife MALTA

BOV Bank of Valletta

# Impenn lejn is-Suċċess tiegħek



## ġejjieni aħjar ibbażat fuq sisien sodi

L-għan tagħna, fil-**Bank of Valletta**, hu li ngħinuk tiżviluppa u tilħaq il-potenzjal kollu tiegħek. Dan nagħmluh billi nieħdu interess personali fil-klijenti tagħna.

Nifhmu l-importanza ta' servizz ġenwin mibni madwar il-ħtiġijiet personali tiegħek.

Noffrulek soluzzjonijiet personalizzati u ta' valur għalik, għax is-suċċess tiegħek hu importanti għalina.

BOV
Bank of Valletta

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

BOV 15259

*Maħruġ mill Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 Malta*